**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11/2022

**Il-Ħamis 29 ta' Settembru, 2022**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-2:00 ta' wara nofsinhar. Kien hemm membri tal-Kunsill li kienu preżenti virtwalment.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku

Charles Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Désirée Vella Brincat – Kunsillier

**ASSENTI**

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

Għal xi ħin kien hemm 2 residenti preżenti.

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

11.1.1. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Désirée Vella Brincat talbet li tiġi skużata minħabba mpenji ta' xogħol. Il-kelliem ippropona li din l-apoloġija tiġi milqugħa. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab kien infurmah li kellu jattendi tard, iżda sfortunatament m'intbagħtet ebda talba għal-apoloġija bil-miktub u sal-aħħar tal-laqgħa lanqas attenda, u għalhekk ippropona li għandu jiġi meqjus bħala assenti.

11.1.2. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 10/K8/2022.

11.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 10/K8/2022 kif ippreżentati.

11.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/4019/22/I** Email mingħand residenta fi Triq Dun Amabile Sisner fejn talbet biex isiru yellow lines in-naħa l-oħra tal-garaxx ukoll u ġabet l-approvazzjoni tal-ġirien.

11.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4019/22/I** fejn ippropona li ġaladarba r-raġuni li l-Kunsill iddeċieda li ma jsirux fuq dik in-naħa tat-triq kien proprju minħabba l-interessi tar-resident l'issa ta l-kunsens tiegħu, il-Kunsill għandu jilqa` din it-talba in vista tad-diffikultajiet li hemm fit-triq. Fir-rimanenti spazju, jekk ikun possibbli u jkun hemm post, għandhom jiġu kkonsidrati spazji għal muturi li nafu wkoll li ntalbu fl-akwata msemmija.

11.3.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3347/22/I** GreenPak bagħtu l-kuntratt biex jigi ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**46/3798/22/I** Risposta mingħand GreenPak fejn infurmaw lill-Kunsill li bħalissa mhuwiex possibbli li jipprovdi boroż ħodor biex jitqassmu b'xejn.

11.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3798/22/I u 46/3347/22/I** inkluż għal-Minuti 09/K8/22 item 09.3.48 fejn ippropona li fiċ-ċirkostanzi, il-kuntratt għandu jiġi aċċettat u iffirmat retroattivament.

11.3.5 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2870/22/I** Email mingħand Kunsill Reġjun Lvant dwar Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali maġġuri li ġew mwettqa.

**46/3401/22/I** Email mingħand Kunsill Reġjun Lvant fejn bagħtu reminder dwar Proġetti b'kollaborazzjoni mal-K.L fi Ħdan IL-K.R.L. għas-sena 2022.

**46/3856/22/I** Email mingħand is-Sindku fejn bagħat il-proposti tiegħu b'referenza għall-Proġetti b'kollaborazzjoni mal-K.L fi ħdan il-K.R.L. għas-sena 2022 fejn ippropona li jiġi rranġat il-fencing madwar soft area li hemm St. Patricks u jsir tiżjin tal-Milied fi Triq Pietru D'Armenia.

11.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2870/22/I, 46/3401/22/I u 46/3856/22/I** fejn ippropona li dwar is-sit ta' St. Patricks għandu jġi vverifikat min huwa sid l-art, bl-ewwel pass ikun komunikat mal-iskola sekondarja. Dwar id-dawl tal-Milied, il-kelliem irrimarka li minħabba limitazzjonijiet tal-kwotazzjonijiet, jaf ma jkunx possibbli li jiżdied id-dawl fi Triq Pietru D'Armenia.

11.3.8 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3874/22/I** Email mingħand residenta fejn talbet isir yellow line minħabba blind spot fi Triq F.X Caruana.

11.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3874/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

11.3.11 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3884/22/I** Email mingħand Special Olympics Malta fejn bagħtu lista ta' atleti mill-lokal li ħadu sehem fl-Special Olympics Malta Invitational Games.

11.3.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3884/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiltaqa' ma' dawn l-atleti u jagħtihom rikonoxximent b'ittra u memento kommemorattiva.

11.3.14 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3905/22/I** Email mingħand il-Perit Stephen Xuereb Archer fejn talbu clearance mill-Kunsill biex tkun rilaxxata l-garanzija bankarja ta' 238, Triq E. Decelis.

**46/4328/22/I** Email mingħand il-Perit Stephen Xuereb Archer fejn bagħat ir-ritratti tal-kundizzjoni tal-bankina.

11.3.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3905/22/I u 46/4328/22/I** fejn ippropona li l-garanzija tiġi rilaxxata biss wara li titneħħa r-rampa tal-konkos li hemm tesporġi fuq it-triq u ma terġax issir permanenti.

11.3.17 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3982/22/I** Email mingħand Med Developers fejn b'referenza għall-bankina madwar Ġnien Madre Tereza ta' Kalkutta informa l-Kunsill li t-travu li kien propost illi jsir taħt ir-railing m'hemmx bżonn illi jsir iżda ser tiġi emendata l-istruttura tal-bankina.

**46/4166/22/I** Email mingħand Med Developers fejn bagħat il-pjanta emendata fejn turi li wara l-laqgħa li kellhom mas-Sindku, l-build-outs fi Triq Mifsud Tommasi kantuniera ma' Triq Napuljun Tagliaferro u Triq Mifsud Tommasi kantuniera ma' Triq Camillo Sciberras qed jiġu proposti bħala line markings u talab konferma sabiex tkun sottomessa l-Awtorità tal-Ippjanar.

11.3.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3982/22/I u 46/4166/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill imexxi b'dan l-aħħar disinn li rċieva l-Kunsill sabiex appena jinħareġ DNO fuqu, jitlestew l-aħħar xogħlijiet fuq barra tal-ġnien. Il-kelliem fakkar ukoll li fil-frattemp għandna wkoll it-tagħmir ta' ġewwa l-ġnien li kważi wasal f'pajjiżna u għalhekk ix-xogħol wasal sabiex jibda jingħaqad.

11.3.20 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3999/22/I**
**46/4161/22/I** Email mingħand il-Perit Michael Stivala fejn talbu clearance mill-Kunsill biex jiġu rilaxxati l-garanziji 5, Triq Giorgio Mitrovich, Pembroke (PA/4494/20) u 84, Triq il-Fortizza, Pembroke (PA/6365/19).

11.3.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3999/22/I u 46/4161/22/I** fejn ippropona li dwar PA 6365/20 l-garanzija tiġi rilaxxata biss wara li titneħħa r-rampa tal-konkos li hemm tesporġi fuq it-triq u ma terġax issir permanenti, spjega dwar il-katusa li hemm fuq il-bankina, konferma li l-pajp li kien hemm taħt il-bankina għadu tajjeb u jista' jintuża, kif ukoll li tiġi rranġata l-manhole tad-drenaġġ, u dwar PA 4494/19 tiġi irranġata l-kurduna, jitneħħa kull żvilupp li qed jesporġi fuq il-bankina kif ukoll li d-diżlivell bejn il-bibien u l-entratura tal-garaxxijiet għandu jkun bil-pendil skond ir-rekwiżiti tal-KNPD.

11.3.23 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3839/22/I** Email mingħand applikant fejn informa lill-Kunsill li ma kienx għadu interessat u għalhekk irtira l-applikazzjoni tiegħu.

**46/4004/22/I** Email mingħand Science Centre fejn informaw lill-Kunsill li CV ta' wieħed mill-applikanti, m'hijiex valida u għalhekk mhux eliġibbli.

**46/4237/22/I** CV għall-post tal-Junior Science Animator.(li daħlet tard)

**46/4405/22/I** Email mingħand Directorate for Learning & Assessment Programmes (DLAP) Science Centre jinfurmaw lill-Kunsill li Skola Sport qed jitolbu ħlas ta' €10.00 għal kull sessjoni biex tkun tista' tintuża l-iskola.

11.3.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4004/22/I, 46/3839/22/I, 46/4237/22/I u 46/4405/22/I** fejn ippropona li jipprosegwi bil-

pjanijiet kif sar fi snin preċedenti bil-ħsieb li niffaċilitaw il-provvista ta' dan it-taħriġ. Il-kelliem ippropona ukoll li għalkemm hemm applikazzjoni li waslet wara d-data tal-għeluq, din hija l-unika waħda valida u għandha tiġi aċċettata u eventwalment tintgħażel, kif ukoll li l-Kunsill jitlob laqgħa mad-diriġenti tal-iskola dwar il-miżata mitluba.

11.3.26 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4007/22/I** Email mingħand Kunsill Reġjun Lvant fejn b'referenza għall-fondi tal-Horizon Europe talbu li l-Kunsill jibgħat l-Isem, Kunjom, Pożizzjoni, fil-Kunsill Lokali ta' min li se jkun assenjat/maħtur biex jamministra u jgħin fl-implimentazzjoni lokali tal-proġett.

11.3.28 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4007/22/I** fejn ippropona li għan-nom tal-Kunsill għandu jassumi dan l-irwol is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

11.3.29 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4041/22/I** Kwotazzjoni mingħand Joseph Cachia & Son Limited għal Bank note detector machine.

**46/4042/22/I** Kwotazzjoni mingħand J. Grima & Co Ltd. għal Bank note detector machine.

**46/4319/22/I** Kwotazzjoni mingħand Digitlazone għal Bank note detector machine.

**46/4371/22/I** Kwotazzjoni mingħand Smart Office Supplies għal Bank note detector machine.

**46/4372/22/I**

11.3.31 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4041/22/I, 46/4042/22/I, 46/4319/22/I, 46/4371/22/I u 46/4372/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħżel l-orħos makkinarju.

11.3.32 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4067/22/I** Email mingħand Rokky Products fejn staqsew jekk hux ser norganizzaw l-attività tal-Halloween u jekk hux ser jinxtara ħelu.

11.3.34 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4067/22/I** fejn ippropona li din il-korrispondenza għandha tiġi kkunsidrata fil-kuntest tal-item tal-aġenda konnessa mal-attività tal-Halloween.

11.3.35 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4073/22/I** Email mingħand il-Perit John J. Papagiorcopulo fejn talab nibgħatu l-clearance sabiex tkun rilaxxata l-garanzija bankarja re l-permess PA6474/20 38, Triq Gio Felice Iglott u Triq Fra Giuseppe Zammit.

11.3.37 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4073/22/I** fejn ippropona li li l-Kunsill jirrilaxxa l-garanzija.

11.3.38 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.39 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4150/22/I** Email mingħand residenta fejn immarkati fuq ritratt il-bozoz maqtugħa mal-ħajt fi Triq Pietro Rossell.

11.3.40 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4150/22/I** fejn informa lil Kunsill li l-Kuntrattur ġie nfurmat u ingħata l-ordni sabiex isewwi fejn hemm il-ħsarat. Il-kelliem irrimarka li jista' jagħti l-każ li d-dawl li hemm fil-partijiet baxxi fil-passaġġ għandhom ħsarat permanenti u mhuwiex ċar jekk hux possibbli li dawn jinbidlu bil-ħsarat li jista` jkun hemm fil-mogħdija tad-dawl l-antik.

**46/4151/22/I** Email mingħand LESA fejn informaw lill-Kunsill li ħarġet it-tielet sejħa għall-iskema Proġetti fil-Komunitajiet 2021-2023 u l-applikazzjonijiet jagħlqu sal-Ġimgħa 4 ta' Novembru, 2021, fl-4.00pm.

11.3.41 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4151/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jikkonsidra CCTV fl-akwata ta' Ġnien Madre Tereza ta' Kalkutta, bil-ħsieb li l-footage iservi għall-infurzar fl-akwata u jkun monitored direttament mill-LESA għal dan l-iskop.

11.3.42 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.43 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4167/22/I** Staqsew jekk jistgħux jilgħabu basketball wara 7.00pm u jekk jistax jiżdied il-ħin li jibqa' mixgħul l-basketball court.

11.3.44 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4167/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill in vista tal-fatt li hemm residenti fil-madwar li mhuwiex għaqli li jkomplu jitwalu l-ħinijiet tal-logħob quddiemhom wara t-8:00pm.

11.3.45 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.46 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4184/22/I** Email mingħand Maltapost fejn informaw lill-Kunsill li qed jaħdmu dwar il-possibilità li jiġu installata lockers għall-pubbliku fil-parkeġġ tal-Kunsill.

11.3.47 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4184/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa` din l-aħbar formalment u jżommha fi ħsiebu sabiex jibgħat reminders perjodiċi bil-ħsieb li dan is-servizz finalment inqarrbuh lejn il-lokalita'. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill qed jaċċetta li l-Maltapost tagħmel użu parti mill-parkeġġ tal-Kunsill fejn jinstallaw dan l-apparat.

11.3.48 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.49 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4250/22/I** Kwotazzjoni mingħand J. Grima Co. & Ltd għal Access Barrier barra l-parkeġġ tal-Kunsill.

**46/4290/22/I** Kwotazzjoni mingħand Firetech għal Access Barrier barra l-parkeġġ tal-Kunsill.

**46/4303/22/I** Kwotazzjoni mingħand Alberta għal Access Barrier barra l-parkeġġ tal-Kunsill.

11.3.50 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4250/22/I, 46/4290/22/I u 46/4303/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħżel l-orħos offerent li joffri prodott tal-kwalità` meħtieġa.

11.3.51 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.52 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4272/22/I** Email mingħand il-Med Developers fejn b'referenza għax-xogħol fil-Ġnien Kalkutta bagħat il-pjanta emendata taz-zebra crossings u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ikun jista' jissottometti l-emenda kemm lil TM għal clearance u wara lill-PA.

11.3.53 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4272/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova dawn il-pjanti.

11.3.54 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.55 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4271/22/I** Kwotazzjoni mingħand J&K Contractors għall-qlugħ tal-membrane minn fuq is-sala tal-Kunsill u jsir xogħol bil-liquid membrane, liema xogħol jinkludi ukoll it-tneħħija temporanja tal-PV's u jerġgħu jitpoġġew lura wara li jsir ix-xogħol.

**46/4348/22/I** Kwotazzjoni mingħand Kevin Caruana sabiex isir liquid membrane fuq is-sala tal-Kunsill.

**46/4349/22/I** Kwotazzjoni mingħand Antoine Gauci sabiex isir liquid membrane fuq is-sala tal-Kunsill.

11.3.56 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4271/22/I, 464348/22/I u 46/4349/22/I** fejn ippropona li apparti x-xogħol fejn huwa kopert bir-rati tal-kuntratt tal-J&K Contractor, għandha tintgħażel l-orħos offerta.

11.3.57 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.58 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4333/22/I** Email mingħand ICT Eastern Region dwar DigiCert SSL Certificate pembroke.gov.mt renewal.

11.3.59 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4333/22/I** fejn talab li l-Kunsill jara x'għandu xi jgħid il-Viċi Sindku Omar Arab dwar din il-materja.

**46/4342/22/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili fejn bagħat kopja tal-email li rċieva mill-Primary Health Care dwar xi jridu biex ikollhom klinika fil-komunità'.

11.3.60 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4342/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministru dwar din id-deċiżjoni li huwa evidenti li biha qegħdin iżidu s-sofferenzi ta' persuni vulnerabbli fosthom l-anzjani tagħna inġustament, diment li sakemm jinstab post alternattiv jibqgħu sospiżi s-servizzi bażiċi li konna noffru mill-Kunsill u li bihom kienu moqdija numru kbir ta' persuni.

11.3.61 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.62 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4343/22/I** Email mingħand The Malta Skateboarding Association fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jorganizzaw cleanup/skateboarding day bejn il-Ġimgħa 14 u Sibt 15 ta' Ottubru fuq is-simenta biswit Triq Martin Luther King.

11.3.63 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4343/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba filwaqt li jiġu nfurmati bis-sensittivita tas-sit madwar dan magħżul minnhom sabiex ma ssir l-ebda ħsara lil flora li hemm fis-sit.

11.3.64 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.65 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4344/22/I** Email mingħand IMU fejn talbu nibgħatu ritratti ta' postijiet fil-lokal bħal binja tal-Kunsill, knisja, skejjel, għaqdiet sportivi eċċ sabiex tiġi updated il-website.

11.3.66 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4344/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jgħaddi l-materjal li diġa għandu fil-pussess tiegħu u li ġie kompilat meta kienet qiegħda titħejja l-website tal-Kunsill www.pembroke.gov.mt .

11.3.67 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.68 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4345/22/I** Email mingħand is-sur Thomas Cremona fejn introduċa lis-sur Andrew Schembri fejn ħadu fuq is-sit Natura2000 fejn urih il-barbed wire li ġie depożitati, sabiex jitneħħa.

11.3.69 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4345/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill isegwi din il-kwistjoni sabiex jekk huwa possibbli, jassisti bil-mezzi a dispożizzjoni tiegħu u l-kuntatti mal-cleansing jekk ikunu meħtieġa.

11.3.70 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.71 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4357/22/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili fejn dwar il-Ġnien 4 ta' Lulju nforma l-Kunsill li s-safety flooring spiċċa u talab titressaq għal-laqgħa tal-Kunsill.

11.3.72 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4357/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill joħroġ sejħa sabiex dan jiġi rranġat, b'dan illi jiġi kunsidrat safety flooring omoġenju.

11.3.73 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.74 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4358/22/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili fejn b'referenza għat-Toroq mhux urbana f'Pembroke talab update dwar x'ser isir minnhom minħabba li l-aħħar darba t-toroq tniżżlu u ġew approvati f'tender li

ġie aġġudikat u wara l-Kunsill ġie nformat li ma jikkwalifikawx bħala toroq mhux urbani.

11.3.75 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4358/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jibgħat mill-ġdid lil IM u jinfurmahom li filwaqt li l-Kunsill huwa ben konxju tal-fatt li hemm sejħa għal toroq rurali miftuħa, l-email tal-Kunsill fil-fatt intbagħtet f'dan il-kuntest peress li hemm tender diġa approvat għal toroq rurali li wara ġejna nfurmati li dawk tagħna ma jikkwalifikawx sabiex isiru mill-istess IM. In vista ta' dan il-kelliem fakkar li l-Kunsill kien talab ukoll laqgħa fejn ġejna nfurmati li kellhom jibgħatu għall-Kunsill sabiex niltaqgħu, filwaqt li minn dan ma sar xejn.

11.3.76 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.77 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4407/22/I** Stima għal dawl dekorattiv għal żmien il-Milied mingħand Daniele Armeni.

**46/4408/22/I** Stima għal dawl dekorattiv għal żmien il-Milied mingħand Lyden Micallef.

**46/4409/22/I** Stima għal dawl dekorattiv għal żmien il-Milied mingħand Jonathan Farrugia.

11.3.78 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4407/22/I, 46/4408/22/I u 46/4409/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jimxi bl-orħos offerta u fakkar fis-suġġeriment tiegħu sabiex, jekk il-finanzi jippermettu permezz tal-l-limiti tal-kwotazzjonijiet, jiżżejnu l-akwata ta' Triq Pietru D'Armenia. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill japplika mar-Reġjun Lvant biex ikopri parti mill-ispejjeż.

11.3.79 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.80 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4410/22/I** Email mingħand l-Active Ageing and Community Care b'kuntratt propost vis-a-vis il-ftehim biex jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill għall-ħames snin li ġejjien.

11.3.81 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4410/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova dan il-ftehim u jipprosegwi bix-xogħlijiet li huma meħtieġa fis-sala bi preparamenti għall-istess ftehim.

11.3.82 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.83 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4419/22/I** Email mingħand St. Catherine High School jitolbu l-permess tal-Kunsill biex jibbukjaw il-multi purpose court ta' Ġnien 4 ta' Lulju għal-attività' bejn it-tfal u l-ġenituri tagħhom, nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2022 bejn 09:30 – 11:30.

11.3.84 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4419/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaċċetta din it-talba.

11.3.85 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.86 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.87 Is-Sindku Dean Hili ippropona li parti minn Triq San Patrizju fejn qabel kien hemm il-BIS, għandhom isiru parking bays.

11.3.88 Il-Kunsillier Charles Cesare issekodna.

11.3.89 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.90 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li kellu diversi talbiet biex fi Triq il-Mediterran jiġu installata numru ta' speed bumps. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jibgħat ittra fid-djar, u skond ir-rispons tan-nies, issir laqgħa pubblika u eventwalment il-Kunsill jiddeċiedi dwar x'passi jkun ser jieħu.

11.3.91 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.92 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.93 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li għaddejjin diskussjonijiet mal-ERA dwar l-art ta' biswit il-bajja fejn hemm involuta Nature Trust u l-Perit tagħhom.

11.3.94 Is-Sindku Dean Hili ippropona li jiġi rranġat r-retaining wall mas-soft area li hemm fi Triq Salvatore Castaldi.

11.3.95 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.96 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.97 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li kellu ilmenti dwar il-bankina ta' quddiem Blokk 8 fi Trejqet Patri Odorik Grima fejn ippropona li għandu jiġi esplorati jistax isir xi ħaġa fuq l-ilma tax-xita.

11.3.98 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.99 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.100 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg talab direzzjoni mingħand il-Kunsill ta meta huwa previst li jsiru l-intervisti għall-ingaġġ ta' librar/a.

11.3.101 Wara diskussjoni Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-intervisti għandhom isiru nhar i-Ġimgħa 14 ta' Ottubru minn-12:30 il-quddiem fejn fuq il-Bord għandu ikun kompost minnu u minn Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg f'isem il-Kunsill u rappreżentant/a mill-Malta Public Libraries.

11.3.102 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.103 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.104 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg talab direzzjoni dwar l-għażla tal-post ta' fejn ser tiġi installata magna RVMs fil-lokal.

11.3.105 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li dwar l-RVM's kien mar fl-imħażen tagħhom biex jara kif taħdem u xi storbju jagħmlu. Il-kelliem irrimarka ukoll li ġew rrakkomandata diversi siti u finalment sta għal operatur dwar fejn ser titpoġġa, bil-possibilità kbira hija li jintgħażel is-sit fuq il-bankina l-wiesa faċċata tal-Maypole fi Triq Madre Margherita de Brincat. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaqbel mas-sit indikat.

11.3.106 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.107 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.108 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill ingaġġa servizz ta' fotografu (possibbilment li jkollu ukoll drone) biex jieħu sett ritratti u possibbilment filmat dwar dak kollu li hawn interessat fil-lokal. Dan sabiex dan il-materjal ikun jista' jiġi ippublikat fuq is-social media tal-Kunsill.

11.3.109 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.110 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.111 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kumpanija li kienet qed toffri servizz ta' tindif tal-uffiċju amministrattiv qed ikollha problema biex tipprovdi n-nies, tant l'ilhom ġimgħat ma jipprovdu servizz.

11.3.112 Fid-dawl ta' dan, Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill iwaqqaf il-kuntratt mal-kumpanija konċernata u wara li għamel referenza Internal Memo Referenza 08/2022, ippropona li għandu jsir kommunikat mal-kumpanija li kellha t-tieni l-aħjar offerta.

11.3.113 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.114 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

11.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 11.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

11.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 15/2022** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 10/K8/22 u 11/K8/22 **(Dok. 1)**

11.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 15/2022** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

11.5.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.6 Attivitajiet għall-festa tal-Halloween 2022.

**46/4329/22/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili fejn bagħat kopja tal-email mingħand wieħed mill-organizzaturi bl-attivitajiet li qed jipproponu għall-Halloween 2022.

11.6.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-email mibgħuta minn resident f'isem numru ta' residenti li jorganizzaw l-attività' ta' Halloween għat-tfal, liema attività issir bil-koperazzjoni u l-għajnuna tal-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li

- Il-Kunsill ser ikun parteċipi għall-parti tal-attività li ser issir fil-31 ta' Ottubru 2022 fi Pjazza Nazju Falzon li tinkludi trick and treat,

- Li l-Kunsill ser jassisti fil-komunikazzjoni ma' Transport Malta għal dak li għandu x'jaqsam mal-wirja ta' karozzi antiki proposta l'issir il-Ħadd it-30 ta' Ottubru fil-Pembroke Park & Ride,
- L-Organizzaturi ser jieħdu ħsieb li il-parti tas-serata li tinkludi show bil-Land Rovers, inkluż fi proprjetà` privata li mhijiex fil-kompitu tal-Kunsill,
- Li għall-attività li ser issir fi Pjazza Nazju Falzon il-Kunsill ser jieħu ħsieb li jipprovdi mobile toilets, pulizija, crowd barriers biex jingħalqu t-toroq u ambulanza, budget ta' €1,500 biex jintefaq fuq ħelu, rapport ta' Health and safety kif ukoll possibbilment polza t'assikurazzjoni li tkopri l-attività,
- L-organizzaturi mitluba jipprovdu ċertifikazzjoni ta' kull apparat inkluż stage li ser jintużaw biex ikunu jistgħu jintbagħatu lill-kumpanija tal-assikurazzjoni,
- Il-permess ta' l-attività' għandu jinħareġ fuq xi ħadd mill-organizzaturi u għal kull stand li jkun hemm fuq il-post, ser jintalab li jsir permess, għal-liema permess mhux ser jintalab ħlas peress li l-attività' qed isir b'għan filantropiku. Il-Kunsill ser ikun qed jalloka fond ta' madwar €2,500 għal din l-attività', għal-liema fondi l-Kunsill ser jagħmel talba lir-Reġjun Lvant għal rimburżar.

11.6.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.7 Upgrading tas-sit ta' Ġnien f'San Patrizju.

11.7.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-laqgħa li saret mal-Perit dwar l-upgrading tal-Ġnien ta' St Patricks fejn l-idea hija li jitneħħew il-ħitan, isiru bankijiet u shading u water feature. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova l-kunċett ħalli jkun jista' jitkompla l-proċess min-naħa tal-Perit.

11.7.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa importanti li l-Kunsill jifhem li qed tiġi proposta water feature b'jets tal-ilma, meta l-post huwa mdawwar b'siġar kbar li faċilment ser isoddu dan l-apparat u għalhekk ser ikun hemm żgur bżonn ta' maintenance agreement. Apparti minn dan, il-kelliem talab lill-Kunsill biex il-Perit jipprovdi kopja tal-pjanta ta x'qed jiġi propost, BOQ dettaljata inkluż l-ispeċifikazzjonijiet kollha neċessarja biex ikunu jistgħu jinġabru stimi u eventwalment isir ix-xogħol.

## 11.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

11.8.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 2, 3, 4 u 5)**

11.8.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat.

11.8.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.8.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.9 Mozzjonijiet.

11.9.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 11.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.10.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fl-16:40pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għalt-Tlieta 25 ta' Ottubru 2022 fis-6:00pm.

**Konfermati, illum 25 ta' Ottubru, 2022**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 15/2022** **29 ta' Settembru 2022**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 10/K8/22 u 11/K8/22

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 98 | 2022 | Roc-A-Go Crane Services Ltd | Tinġabar vettura abbandunata (mingħajr numri u mingħajr liċenzja) li tinsab fi Triq Il-President Anton Buttigieg |
| 99 | 2022 | B. Grima and Sons | • Tinbidel il-mera fi Triq Don Luigi Rigord<br>• Tinbidel it-tabella tal-oneway fi Triq Madre Margherita de Brincat |
| 100 | 2022 | J&K Contractors | • Jiġi irranġar rainwater culvert li hemm fi Triq Camillo Sceberras<br>• Jiġi irranġar rainwater culvert li hemm fi Triq Kurunell Lorenzo Manche. |
| 101 | 2022 | Mica Med | Tiġi rranġata lampa W078 fi Triq Patri A Tonna Barthet. |
| 102 | 2022 | B. Grima and Sons | • Triq ANZAC tinbidel tabella ta' zebra crossing<br>• Triq ANZAC tinbidel tabella ta' School Ahead<br>• Triq Martin Luther King tinbidel tabella ta' one way<br>• Triq Pietru D'Armenia tinbidel tabella ta' one way<br>• Triq Pietru D'Armenia titneħħa tabella informattiva<br>• Off Triq il-Mediterran tinbidel tabella ta' road hump<br>• Triq Cassino tinbidel tabella reduce speed now<br>• Triq Camillo Sceberras tinbidel tabella ta' School Ahead<br>• Triq Camillo Sceberras tinbidel mera miksura<br>• Triq Camillo Sceberras tinbidel tabella ta' No Stopping<br>• Triq Camillo Sceberras tinbidel tabella bil-ħin tal-iskola<br>• Triq Tobruk tinbidel tabella ta' roundabout u giveway<br>• Triq Cassino għalissa mhux ser tinbidel sakemm jitlesta x-xogħol mill-iskola<br>• Isiru 2 tabelli bl-isem ta' Triq Martin Luther King |
| 103 | 2022 | Mica Med | Biex tiġirranġa żewġ lampi R001 u R003 fi Triq Pietru D Armenia. |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg